**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 174/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Marisa Camilleri )**

**Vs**

**PIERRE GRECH**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Pierre Grech talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta'Lulju w Awwissu, 2001, naqas li jaghti lill-martu Joanne Grech dik is-somma ffissata mill-Qorti ta'Lm50 fix-xahar bhala manteniment kif ordnat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili skond digriet numru 2156/00, dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta'Settembru, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Pierre Grech hati ta' din l-akkuza, u kundannatu ghall-jum prigunerija.

Rat ir-rikors t'appell ta'Pierre Grech datat l-1 ta'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn din l-akkuza, u f'kaz li dan l-appell ma jigiex milqugh, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta pien aktar gusta w ekwa ghall-kaz.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mix-xhieda li din il-Qorti semghet, partikolarment dik ta' Joanne Grech, mart l-appellant, jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, hi thallset l-manteniment ghax-xhur imsemmija fl-imputazzjoni. Din ix-xhud anke qalghet li qed tircevi l-manteniment b'mod regolari.

Din il-Qorti ghalhekk thoss li din hi raguni sufficcjenti sabiex filwaqt li tigi tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu, din tigi tirriformatha fil-parti tal-piena biss.

Ghalhekk il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta' Pierre Grech billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn l-ewwel Qorti sabitu w iddikjaratu hati ta' l-akkuza dedotta kontrih, tirrevokaha fil-parti tal-piena, u minflok dik il-piena tikkundannah ghall-twissija u reprensjoni (R & A).